



# Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014

Sommarju Eżekuttiv



# **Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014**

## Sommarju Eżekuttiv

**Il-Kummissjoni Ewropea**

id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

It-Taqsima B.1

Manuskritt li tlesta fi Frar 2015

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal qoxra: iStockphoto

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-79-43290-3

ISSN 1831-2942

doi:10.2767/58674

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.



© L-Unjoni Ewropea

L-Ewropa tista' tibni fuq esperjenza twila u rikka ta' djalogu soċjali. Djalogu soċjali effettiv jgħin lill-ekonomiji, lis-setturi u lill-kumpaniji jantiċipaw il-bidla, ilaħḡqu aħjar max-xokkijiet u jirkupraw aktar malajr. Bħal fis-snin preċedenti, il-verdett ta' *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* mhuwiex ambigwu: il-pajjiżi b'istituzzjonijiet ta' djalogu soċjali b'saħħithom huma fost l-aktar ekonomiji kompettivi u li jirnexxu, b'sitwazzjoni soċjali aħjar u aktar reżiljenti. L-imsieħba soċjali jstgħu jidentifikaw soluzzjonijiet ta' politika bilanċjati u mfaġġin apposta b'reazzjoni għall-iżviluppi soċjo-ekonomiċi kumplessi.

*Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* juri wkoll li d-djalogu soċjali sofra taħt il-kriżi, partikolarment fl-istadji aktar tard tar-riċessjoni. Filwaqt li f'xi Stati Membri l-istrutturi tad-djalogu soċjali b'saħħithom kienu utli biex jirreżistu l-kriżi, is-sistemi tan-negożjar kollettiv fi Stati Membri oħrajn għaddew minn bidliet u baqgħu dgħajfa u aktar frammentati.

F'diversi każijiet, inkluż fl-Istati Membri l-aktar milquta mill-kriżi, il-kriżi ekonomika wasslet għal aċċelerazzjoni ta' tendenzi pre-eżistenti, bħat-tnaqqis fil-kopertura tan-negożjar kollettiv u l-bidla lejn negożjar kollettiv aktar deċentralizzati.

Dawk li jħaddmu u l-ħaddiema, li ffaċċjaw inċertezza ekonomika, sabuha aktar diffiċli biex jaqblu dwar it-taħlita

politika korretta jew dwar ir-riformi meħtieġa. Fejn ma ntlaħaq ebda kunsens, il-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi ta' spiss ħadu deċiżjonijiet unilaterali mingħajr appoġġ mill-imsieħba soċjali.

L-Ewropa qiegħda tirkupra u l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma mistennija li jerġgħu jibdeu jikbru mill-2015. L-effetti pożittivi tal-irkupru ekonomiku għadhom iridu jimmaterjalizzaw fil-ħajja ta' kuljum ta' ħafna ċittadini Ewropej. Dan jinkludi grupp kbir ta' żgħażaġħ li huma ħerqana sabiex jibdeu karriera.

Bil-għan li tiżgura rkupru vigoruż u sostenibbli, li jrawwem il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, jeħtieġ li l-Ewropa ssaħħaħ il-kompetittività u l-korrettezza tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħha. Dan jeħtieġ sforz sostnut u kkoordinat fil-livelli kollha. L-imsieħba soċjali għandhom irwol kruċjali x'jaqdu fl-aġenda l-għda tal-Kummissjoni għall-impjegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u l-bidla demokratika. Għalhekk, jeħtieġ li jingħata impetu għid għad-djalogu soċjali, b'risspett sħiħ għall-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

Sabiex l-UE u l-Istati Membri jirnexxu fl-isfida tat-tkabbir u fil-ħolqien ta' aktar impjegi hemm il-ħtieġa għal kunsens wiesa' fuq il-taħlita politika addattata u fuq l-appoġġ sabiex jiġu implimentati riformi strutturali, li jeħtieġu l-appoġġ tal-partijiet interessati kollha, jiġifieri l-imsieħba soċjali. Kif espress fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, il-Kummissjoni ser tagħmel hiliha biex tinvolvi lill-imsieħba soċjali aktar mill-qrib fit-fassil u l-implimentazzjoni tar-riformi fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

Din hija r-raġuni għaliex għandhom jiġu ddedikati riżorsi u appoġġ adegwati għall-bini tal-kapaċità, speċjalment fl-Istati Membri fejn is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali ntliaqtu l-aktar

mill-kriżi. *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* għandu l-għan li jikkontribwixxi għad-dibattitu billi jipprovdi evidenza robusta u analiżi dwar ir-relazzjonijiet tax-xogħol kollettivi fl-Unjoni Ewropea.

Nafu wkoll li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem ikunu effettivi l-aktar meta jikkombinaw l-għarfien personali tagħhom dwar l-ekonomija u s-suq tax-xogħol. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li jkun hemm involviment usa' tal-imsieħba soċjali fl-aġendi politiċi differenti, sabiex b'hekk jiġu żviluppanti reazzjonijiet adegwati għall-isfidi ewlenin li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa. *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* jipprovdi eżempji konkreti tal-benefiċċju tal-miżuri konġunti meħuda mill-imsieħba soċjali, bħal inizjattivi maħsuba biex jipromwovu x-xogħol fost iż-żgħażaġħ.

Aħna ninsabu ħerqana sabiex ningħaqdu mat-trejdjunjins nazzjonali u Ewropej u mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem biex nindirizzaw l-isfidi soċjo-ekonomiċi urġenti tal-Ewropa. Meta nagħmlu dan, flimkien nistgħu nieħdu pass sinjifikanti 'l quddiem u nsaħħu l-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew.

**Marianne Thyssen**

Kummissarju għall-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali, il-Filiet u l-Mobbiltà tal-Ħaddiema

## SOMMARJU EŻEKUTTIV: IR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI FL-EWROPA 2014

Kull sentejn, is-servizzi tad-DĠ tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni jippreżentaw edizzjoni ta' *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa*, li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi ewleni fir-relazzjonijiet kollettivi bejn il-ħaddiema, min iħaddem u r-rappreżentanti rispettivi tagħhom, inkluża d-dimensjoni tripartitika fejn jiġu involuti l-awtoritajiet pubbliċi f'livelli differenti. Din l-edizzjoni tal-2014 hija t-tmien waħda fis-serje.

Sistema ta' relazzjonijiet industrijali bbażata fuq id-djalogu soċjali hija l-pedament tal-ekonomija soċjali tas-suq kompetitiv li tispira l-mudell soċjali Ewropew. *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012* ikkonkluda li l-impatt tal-kriżi tad-dejn sovrani u l-konsolidazzjoni baġitarja segwiti f'firxa wiesgħa ta' pajjiżi Ewropej poġġew id-djalogu soċjali taħt pressjoni b'diversi modi. Din l-edizzjoni tafferma mill-ġdid il-konklużjoni li r-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa jkomplu jinbidlu, iżda tqajjem ukoll il-kwistjoni dwar liema bidliet huma temporanji u liema x'aktarx ikunu permanenti. Il-ġurija għadha qed tiddeber fuq il-forma li għandu jieħu d-djalogu soċjali wara l-kriżi. Ir-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa jinsabu f'salib it-toroq.

Kif rikonoxxut mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-diversità tas-sistemi nazzjonali ssawwar is-sistema tar-relazzjonijiet industrijali fl-UE. Ma jeżisti ebda 'mudell' superjuri ta' relazzjonijiet industrijali li jstabbilixxi l-istandard għall-Istati Membri kollha. Ħafna mill-bidliet osservati matul il-kriżi huma parti mix-xejriet aktar fit-tul fir-relazzjonijiet industrijali b'reazzjoni għal ambjent soċjoekonomiku li qed jinbidel malajr. Dawn jinkludu tnaqqis bil-mod iżda kostanti fil-perċentwal ta' ħaddiema li l-pagi tagħhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim kollettiv, u d-deċentralizzazzjoni ta' strutturi ta' negozjar min-negozjati settorjali jew nazzjonali bejn diversi impjegaturi għal ditti kummerċjali jew postijiet tax-xogħol individwali.

It-tlestija tal-UEM fl-aħħar tal-1990 kellha impatt profond fuq is-swieq tax-xogħol u s-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-UE. Taħt il-politika monetarja unifikata, is-swieq tax-xogħol saru mezz importanti ta' aġġustament għax-xokkijiet asimmetriċi fiż-żona euro. Hemm evidenza li turi li t-tnejn għar-rekwiżiti tal-UEM (il-'kriterji ta' Maastricht') kienet fattur ewleni fil-ħolqien ta' patti soċjali bejn l-imsieħba soċjali u l-gvernijiet f'ħafna Stati Membri tal-UE, li wħud minnhom (eż. il-Portugall, Spanja, l-Irlanda u l-Italja) ma kellhom ebda tradizzjoni ta' korporattizmu nnegozjat bħal dan.

Madankollu, ladarba daħlet fis-seħħ l-UEM, u sal-kriżi riċenti, il-bidliet fis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali xorta segwew xejra speċifika għall-pajjiżi, fil-biċċa l-kbira tagħha xprunata mit-tradizzjonijiet u l-prattiki ta' kull pajjiż fid-djalogu soċjali kif ukoll mill-ekonomija globali li qiegħda tinbidel. Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-proċess tal-bidla ta lill-parteċipanti fid-djalogu soċjali biżżejjed żmien u ambitu biex

jadattaw gradwalment għall-kuntest soċjoekonomiku u istituzzjonali li qed jinbidel. F'xi pajjiżi, l-imsieħba soċjali amministrati id-deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv billi waqqfu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn il-livell tal-kumpaniji u l-livell settorjali.

Il-kriżi riċenti kixfet difetti fid-disinn oriġinali tal-UEM, li — waqt li ma kkawżawx il-kriżi — jispjegaw parzjalment l-impatt qawwi tax-xokkijiet esterni fuq ħafna Stati Membri tal-UE. Il-kriżi ppreċipitat ukoll waqfiet fil-veloċità u fl-intensità tal-bidliet fir-relazzjonijiet industrijali, hekk kif il-limitazzjonijiet esterni kibru aktar fl-importanza tagħhom u saret iżjed urġenti l-ħtieġa li tiġi promossa bidla mgħaġġla fil-kundizzjonijiet tal-qafas biex tingħata spinta lit-tkabbir potenzjali. Meta mqabbla mas-snin ta' qabel il-kriżi, ir-relazzjonijiet industrijali nbidlu b'modi differenti, b'ritmu aktar mgħaġġel u aktar spiss.

L-Unjoni Ewropea introduċiet pakkett komprensiv ta' miżuri maħsuba biex itejbu l-governanza ekonomika Ewropea u jsaħħu l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji u tal-impjiegi madwar l-Istati Membri kollha. Is-Semestru Ewropew jopera b'mod ċirkolari u jibda bl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jstabbilixxi l-politiki ekonomiċi wesgħin tal-UE, il-programmi ta' riforma nazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri, il-proposti tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, inkluż permezz ta' opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar abbozzi ta' pjanijiet baġitarji. Il-qafas ta' governanza ġdid influwenza d-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali. Fil-livell Ewropew, dan wassal għal diskussjonijiet dwar il-livell li għalih l-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti fil-governanza makroekonomika Ewropea u l-punt safejn għandhom jiġu diskussi fil-livell tal-UE l-iżviluppi (negozjar) fis-salarji nazzjonali — kwistjoni ewlenija tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

Għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzaw ċerti aspetti tas-sistemi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi u, għalhekk, missew komponent ewleni tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. L-għan kien li tiġi indikata l-ħtieġa għal flessibilità akbar fl-aġġustament tal-pagi f'pajjiżi bi żbilanċi interni jew esterni kbar, kif ukoll li jiġu appoġġjati l-proċessi ta' aġġustament. Id-deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv kienet meqjusa bħala miżura li hija maħsuba biex tallinja aħjar il-pagi mal-produttività fil-livell lokali u tal-impriżi.

Fl-Istati Membri li jirċievu appoġġ fl-istabbiltà finanzjarja, il-ħtieġa li r-riformi jiġu implimentati malajr ħafna (inklużi bidliet fis-sistemi tal-iffissar tal-pagi) għall-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fiskali u ekonomika ħalliet ftit skop jew ħin għal konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali nazzjonali u/jew għall-ħolqien ta' kunsens. Il-Kummissjoni saħqet kontinwament fuq l-importanza tad-djalogu soċjali u tar-rispett għaċ-ċirkostanzi

u l-prattiki nazzjonali. Madanakollu, is-sitwazzjoni ta' kriżi flimkien ma' ċerti tradizzjonijiet tar-relazzjonijiet industrijali kienu sfond sfavorevoli għad-djalogu soċjali, li wassal biex jiżded il-kunflitt bejn l-imsieħba soċjali u bejn it-trejdjunjins u l-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, il-kwalità tad-djalogu soċjali saret suġġett importanti għad-diskussjoni. L-attenzjoni riċenti għad-dimensjoni soċjali tal-UEM, li tenfasizza l-ħtieġa li jerġa' jinbeda djalogu soċjali kollaborattiv fil-livell nazzjonali u tal-UE, jidher li qiegħda tipprovi prospetti ġodda għar-relazzjonijiet industrijali taħt l-UEM. Dan kien appoġġat mill-enfasi mġedda fuq ir-rwol doppju tal-iżviluppi fil-pagi, mhux biss bħala fattur ta' kompetittività, iżda wkoll fl-appoġġ tad-domanda u t-tnaqqis tal-inugwaljanza, speċjalment fit-tarf ta' isfel tad-distribuzzjoni tad-dħul.

Filwaqt li l-aħħar sentejn qajmu tħassib dwar l-istat tar-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa, l-evidenza tal-aktar Stati Membri tal-UE li nnekkew tissuġġerixxi li djalogu soċjali strutturat tajjeb jikkontribwixxi għall-iffaċċjar aħjar tal-bidliet soċjo-ekonomiċi kumplessi meħtieġa f'ekonomija moderna. Bħal fis-snin preċedenti, il-verdett huwa ambigwu: pajjiżi b'istituzzjonijiet ta' djalogu soċjali b'saħħithom huma fost l-aktar ekonomiji kompetittivi u li jmorru tajjeb fl-UE, b'sitwazzjoni soċjali aħjar u aktar reżiljenti mill-maġġoranza. Dawn l-eżempji jagħmlu referenza għall-vijabbiltà tat-triq li għandha tittieħed għall-kompetittività internazzjonali li tħaddan il-potenzjal tad-djalogu soċjali li jsovi l-problemi. Din l-istrateġija hija bbażata mhux biss fuq l-ispiża tax-xogħol imma wkoll fuq fatturi mhux relatati mal-pagi fil-kompetittività, bħall-kwalità u l-affidabbiltà tal-prodotti u s-servizzi u ħaddiema mħarrġa u edukati. Ir-rapport preżenti jiddokumenta eżempji konkreti ta' kontribuzzjonijiet tal-imsieħba soċjali għall-progress soċjali u ekonomiku, bħal ma huma l-isforzi tagħhom sabiex jegħlbu l-livelli għolja u inaċċettabbli ta' qgħad fost iż-żgħażaġġ. Dan jirriafferma l-importanza tad-djalogu soċjali bħala pedament tal-mudell soċjali Ewropew u tal-ekonomija soċjali tas-suq kompetittiv.

*Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* jikkonkludi li l-isfida hija li nsibu l-aħjar taħlita ta' kontinwità u bidla fis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali sabiex jadattaw għall-kuntest tal-UEM u ta' dinja globalizzata li qiegħda tinbidel b'pass mgħaġġel. F'pajjiżi b'istituzzjonijiet tar-relazzjonijiet industrijali dgħajfa, l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u l-istrutturi tad-djalogu soċjali għandhom jissafu u tiżded il-kapaċità tagħhom li jantici paw il-bidliet neċessarji. Għaldaqstant, jeħtieġ li ssir analiżi kontinwa tal-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali, bħal kif sar permezz tar-rapport preżenti.

Wara li għaddiet l-aktar fażi akuta tal-kriżi u l-Ewropa reġgħet qabdet it-triq għat-tkabbir, l-effetti tal-kriżi fuq ir-relazzjonijiet industrijali sa issa jstgħu jiġu evalwati fil-kuntest tal-UEM Ewropea li qiegħda tevolvi. Dan huwa l-kompitu li *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2014* stabbilixxa għalih

innifsu. Il-Kapitolu 1 jipprovi ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet kwantitattivi prinċipali fl-indikaturi tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-UE. Dan jinkludi aġġornament fuq żewġ kwistjonijiet topiċi rrapportati fir-rapport tal-2012: l-iżviluppi riċenti tad-djalogu soċjali fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u x-xejriet fis-settur pubbliku. Il-Kapitolu 2 jistħarreġ f'aktar dettall l-istituzzjonijiet li jstabbilixxu l-pagi, li wħud minnhom ġew ittrasformati fl-aħħar deċennju. Il-kapitolu jenfasizza wkoll xi evidenza empirika bażika tal-iżviluppi riċenti fil-pagi kollettivi u l-produttività. Il-Kapitolu 3 jiffoka fuq is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tal-ħames pajjiżi li rċevew xi forma ta' appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja — il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja u Ċipru — u jeżamina l-interazzjoni bejn il-limitazzjonijiet esterni u interni fit-trasformazzjoni profonda tad-djalogu soċjali f'kull pajjiż. Il-Kapitolu 4 janalizza l-isfidi ffaċċjati mill-imsieħba soċjali meta jipprovaw jindirizzaw il-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġġ, jenfasizza l-pożizzjonijiet politiċi ewlenin, l-azzjonijiet u l-inizjattivi meħuda mill-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali u tal-UE. Ir-rapport jikkonkludi b'ħarsa konklużiva lejn l-iżviluppi u r-reazzjonijiet fid-djalogu soċjali fil-livell Ewropew (il-Kapitolu 5) u deskrizzjoni tal-iżviluppi prinċipali fil-liġi Ewropea dwar ix-xogħol (il-Kapitolu 6). L-ewwel erba' kapitoli huma bbażati fuq abbozzi mħejjija minn kontributori esterni. L-aħħar żewġ kapitoli huma miktubin mis-servizzi tal-Kummissjoni.

## Kapitolu 1 — L-iżviluppi fir-relazzjonijiet industrijali Ewropej

Dan il-kapitolu għandu jinvestiga l-bidliet ewlenin fir-rigward tal-parteċipanti u l-proċessi tar-relazzjonijiet industrijali kemm qabel kif ukoll matul il-kriżi. B'mod partikolari, huwa jipprova jgħid kemm l-iżviluppi riċenti fir-relazzjonijiet industrijali qegħdin ikunu kontinwazzjoni tax-xejriet fit-tul, jew jekk kinux imqanqla jew ippreċipitati mill-kriżi.

B'mod ġenerali, l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali kienu relattivament stabbli fl-aħħar ftit snin, iżda dan minnu nnifsu huwa żvilupp impressjonanti. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, ix-xejra fit-tul tat-tnaqqis b'mod stabbli fid-densità tal-unjoni naqset b'mod sinjifikanti fl-ewwel snin tal-kriżi hekk kif kemm l-impjegji kif ukoll is-sħubija fit-trejdjunjins sabu ruħhom fi proporzjonijiet bejn wieħed u ieħor simili. Mhuwiex ċar jekk dan l-iżvilupp hux ser jissokta hekk kif jibdeu jirkupraw l-impjegji. Komplet l-istabbiltà fit-tul fid-densità tal-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu.

B'kuntrastr ma' dan, fis-snin tal-kriżi kien hemm bidliet profondi fil-proċessi tar-relazzjonijiet industrijali. L-istrutturi tan-negozjar kollettiv komplew jiġu deċentralizzati aktar u l-kopertura tan-negozjar kollettiv tbaxxiet f'ħafna pajjiżi — f'xi pajjiżi fin-nofsinar tal-Ewropa din saħansitra niżlet f'livelli bla preċedent.

Kemm id-deċentralizzazzjoni kif ukoll it-tnaqqis fil-kopertura tan-negożjar kienu ċertament xejriet viżibbli anki qabel il-kriżi. Huma parti minn bidliet fit-tul usa' fis-soċjetajiet u l-ekonomiji, ewlenija fosthom in-natura dejjem aktar globali tal-kompetizzjoni. Dak li nbidel mill-kriżi kien il-veloċità u l-grad tal-bidliet li seħfiew. Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għal dan. L-ewwelnett, l-adozzjoni ta' regolamenti aktar stretti u prattiċi dejjem jinbidlu għamluha dejjem aktar diffiċli sabiex il-ftehimiet kollettivi jiġu estiżi għal proporzjon akbar ta' impjegati. It-tieni nett, l-effetti tar-regolamenti ġodda f'diversi pajjiżi fuq in-(nuqqas ta') kontinwazzjoni ta' ftehimiet kollettivi mal-iskadenza, flimkien mal-inċertezza ekonomika, naqqsu l-kopertura tan-negożjar kollettiv minħabba dewmien fin-negożjati li wassal għal imblokk. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' klawżoli ġodda fis-sistemi tan-negożjar kollettiv tippermetti dejjem aktar lill-kumpaniji jagħżlu li jibqgħu barra minn ftehimiet kollettivi f'livell oġġla, biex b'hekk jaċċelleraw ix-xejra lejn id-deċentralizzazzjoni.

Il-kapitolu jsostrni li dawn il-bidliet kienu reazzjonijiet għall-fatturi interni u esterni. Xi parteċipanti nazzjonali ħadu inizjattivi li mbagħad kienu adattati għal kuntest soċjo-ekonomiku li qed jinbidel. Fejn id-djalogu fost l-imsieħba soċjali kien diffiċli, kien hemm pressjoni esterna li wasslet lill-gvernijiet sabiex jaġixxu b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill Ewropew u minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn. F'pajjiżi bi programm ta' assistenza finanzjarja, l-awtoritajiet nazzjonali nnegożjaw mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Fond Monetarju Internazzjonali fuq ir-riformi strutturali li għandhom jiġu implimentati, inkluż fis-swieg tax-xogħol, bħala parti minn sett komprensiv ta' politiki maħsuba biex jgħinu jibbilanċjaw mill-għdid l-ekonomija u jżidu l-potenzjal tat-tkabbir. Ħafna aspetti tal-politiki inklużi fil-kundizzjonijiet stabbiliti għall-assistenza finanzjarja, inkluż fir-rigward tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali, ma ġewx stabbiliti fid-dettall, iżda tħallew għad-diskrezzjoni tal-pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja.

Filwaqt li l-bidla interna tispjega t-trasformazzjoni fit-tul tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali, il-pressjonijiet esterni jispjegaw il-bidliet riċenti u profondi li jimmarkaw bidla sinjifikanti mix-xejriet tal-passat. Madankollu, ebda waħda ma hija indipendenti mill-oħra, billi t-tnejn huma reazzjonijiet għall-bidliet u x-xejriet fis-sistema ekonomika internazzjonali u fis-soċjetà. Barra minn hekk, huma r-relazzjonijiet b'saħħithom u l-fatturi istituzzjonali li jibnu r-relazzjoni bejn iż-żewġ livelli. Filwaqt li r-relazzjonijiet industrijali nbidlu madwar l-UE kollha, l-iskala u l-ħeffa tal-bidla varjaw b'mod sinjifikanti bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari wara l-2008.

## Kapitolu 2 — L-evoluzzjoni tal-kriżi — l-iżviluppi fis-sistemi tan-negożjar tal-pagi

In-negożjar kollettiv huwa fattur ewleni tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali, bħala l-istrument ewleni li jintuża minn dawk li jħaddmu u mit-trejdjunjins sabiex flimkien jirregolaw ir-relazzjoni tal-impjegi. In-negożjar kollettiv jiproteġi lill-ħaddiema billi jistabbilixxi standards minimi komprensivi u billi jilimita l-prerogattiva tal-manigiers meta jiġu biex jiddeċiedu b'mod unilaterali fuq il-kompiti tal-impjegati u l-organizzazzjoni tax-xogħol. Għal min iħaddem, in-negożjar kollettiv jirrappreżenta mod utli ta' kif jiġu ffrankati l-ispejjeż tat-tranżazzjoni permezz tal-applikazzjoni ta' standards uniformi għall-ħaddiema, kif ukoll għat-tnaqqis ta' kunflitti industrijali. In-negożjar bejn diversi impjegaturi jnaqqas l-ambitu għal kompetizzjoni fuq l-ispejjeż tax-xogħol, li tista' tkun siewja meta n-negożjar ikopri l-kompetituri domestiċi ewlenin kollha f'settur partikolari, speċjalment dawk b'espożizzjoni limitata għall-kompetizzjoni globali.

Madankollu, billi l-kompetizzjoni qed issir dejjem iżjed globali fin-natura tagħha, in-negożjar tal-pagi nazzjonali bejn diversi impjegaturi għandu inqas ċans li jiproteġi kontra l-kompetizzjoni fuq l-ispejjeż tax-xogħol. Bejn il-ħaddiema u dawk li jħaddmu, in-negożjar jirrappreżenta fattur primarju fil-kunflitt fuq kif jiġi distribwit il-valur miżjud prodott mill-attivitajiet ekonomiċi. Għal ħaddiema individwali, in-negożjar tal-pagi joffri ċertu grad ta' protezzjoni kontra ċ-ċaqliq fis-sug tax-xogħol, filwaqt li, fuq livell kollettiv għall-ħaddiema, dan jikkostitwixxi mod kif tiġi espressa solidarjetà ma' ħaddiema oħrajn fl-istess fergħa billi jistabbilixxi limiti minimi tal-pagi li japplikaw għal gruppi differenti ta' ħaddiema b'livelli differenti ta' produttività. Madankollu, minħabba li dan iżomm il-livelli tal-pagi 'l fuq mil-livell li jipprevali mingħajr intervent kollettiv, huwa jinkoraġġixxi s-segmentazzjoni tas-swieg tax-xogħol, hekk kif dawk li jħaddmu jistgħu jirrikorru għal forom alternattivi ta' impjegi mhux koperti mill-kundizzjonijiet maqbula b'mod kollettiv.

Dan il-kapitolu jeżamina l-istituzzjonijiet differenti responsabbli mill-iffissar tal-pagi fl-UE u janalizza jekk in-negożjar kollettiv tal-pagi esperjenzax trasformazzjoni sinjifikanti fl-aħħar deċennju. Kif ġie enfazzjat fil-kapitolu 1, il-kriżi ekonomika aċċellerat ix-xejra fit-tul lejn id-deċentralizzazzjoni tal-istituzzjonijiet responsabbli min-negożjar tal-pagi, speċjalment billi ppermettiet li jiġu introdotti aktar derogi fl-istandards settorjali fil-ftehimiet f'livell aktar baxx. Madankollu,



għalkemm il-mudelli nazzjonali jvarjaw, f'ħafna każijiet, id-deċentralizzazzjoni għadha parti minn sistemi kkoordinati ta' negozjar kollettivi. F'kuntest ta' negozjar deċentralizzati, il-koordinazzjoni tippermetti lill-imsieħba soċjali jikkunsidraw l-oġġettivi makroekonomiċi u l-effetti konsegwenzjali possibbli tal-iżviluppi fil-pagi. Il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi maħsuba biex jikkoordinaw in-negozjar tal-pagi tul il-fruntieri nazzjonali.

L-intervent tal-gvern fl-istituzzjonijiet responsabbli min-negozjar tal-pagi żdied fis-snin riċenti, minħabba li l-aġġustamenti fis-suq tax-xogħol u fix-xejriet tal-pagi sar dejjem aktar importanti fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonalizzata u, b'mod partikolari, tal-UEM. Il-gvernijiet kellhom irwol ewlieni fit-tiswir tal-bidliet fil-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi, bħala parti mir-riformi usa' fil-politika ekonomika u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol b'reazzjoni għall-kriżi u l-bidla ekonomika globali. Id-deċiżjonijiet bipartitiċi u awtonomi meħuda mill-imsieħba soċjali kellhom rwol ferm iżgħar. Filwaqt li l-għodod politiċi tal-UE, bħar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, issuġġerew ukoll riformi fl-istituzzjonijiet responsabbli mill-iffissar tal-pagi kollettivi, kienu l-gvernijiet nazzjonali li mexxew it-trasformazzjoni (bl-eċċezzjoni notevoli tal-pajjiżi li jirċievu appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja, fejn l-awtoritajiet nazzjonali pprovdew l-impjenji tagħhom fuq ir-riforma taħt il-programm tal-UE/l-FMI; ara l-kapitolu 3). Dan mhuwiex daqstant sorprendenti, minħabba li s-setgħat tal-UE fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-suq tax-xogħol huma limitati u r-rispett għad-diversità tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali huwa minqas fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

Il-kapitolu jsib li l-kriżi ekonomika kellha impatt ċar fuq il-pagi reali kollettivi. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ix-xejriet fil-pagi reali waqgħu lura b'mod sostanzjali u xi drabi saru negattivi. Kien biss f'għadd żgħir ta' każijiet li l-pagi żammew rata sinjifikanti ta' tkabbir jew aċċelleraw. L-oġġetta tkabbir fil-pagi kollettivi nstab fil-pajjiżi Ewropej Ċentrali u tal-Lvant, fejn jista' jkun hemm fis-seħħ proċess intiż biex ilaħħaq mal-'pagi Ewropej', għalkemm xorta għad hemm differenzi kbar. Il-kapitolu jsib ukoll korrelazzjoni għolja bejn it-tkabbir fil-pagi kollettivi u x-xejriet tal-produttività fil-perjodu ta' qabel il-kriżi, għalkemm iż-żidiet fil-pagi reali kienu ħafna drabi inqas mill-qligħ li ġej mill-produttività. B'kuntrast ma' dan, fil-perjodu riċenti, it-tkabbir reali fil-pagi kollettivi aktar spiss qabeż iż-żidiet fil-produttività, parzjalment bħala riżultat ta' inflazzjoni baxxa mhux mistennija li ma ġietx ikkunsidrata fin-negozjar. Bħala riżultat, in-negozjar kollettivi seta' jiproteġi d-dħul tal-impjegati sa ċertu punt billi rażżan l-impatt tal-kriżi fil-livelli tal-pagi. Għadd ta' riżultati tar-riċerka issa wrew li l-kriżi tpoġġi pressjoni sinjifikanti fuq il-pagi, bit-trażżin tal-pagi jikkontribwixxi ferm sabiex jitranġaw l-iżbilanċi makroekonomiċi u titreġġa' lura l-kompetittività.

## Kapitolu 3 — Ir-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri li jirċievu appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja

Mill-2010 'l quddiem, l-ewwel il-Greċja u mbagħad l-Irlanda ffaċċjaw kriżi fiskali u ta' dejn severa. Fl-2011, il-kriżi tad-dejn infirxet lejn il-Portugall, bis-setturi finanzjarji ta' Spanja u Ċipru jisfaw affettwati matul l-2012. Filwaqt li dawn il-pajjiżi kollha esperjenzaw tkabbir ekonomiku dgħajjef u żieda fil-qgħad, l-Irlanda, Spanja u Ċipru spiċċaw jesperjenzaw ukoll kriżi bankarja. Bil-għan li jindirizzaw dawn l-isfidi akuti, il-ħames pajjiżi kollha implimentaw riformi strutturali estensivi u programmi ta' konsolidazzjoni fiskali. Il-ħsieb hu li t-trażżin tas-sorsi tad-dejn u tad-defiċit u, għalhekk, it-treġġiġ lura tal-istabbiltà fis-settur bankarju u l-kunfidenza fis-suq, joħloq il-kundizzjonijiet għal ritorn għat-tkabbir u l-foqien tal-impjegi.

F'Ċipru, fil-Greċja, fl-Irlanda u fil-Portugall, il-gvernijiet ġew esklużi mis-swieq tal-bonds internazzjonali u kellhom jitolbu self finanzjarju biex jiffinanzjaw is-settur pubbliku tagħhom u għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Bħala kundizzjoni tas-self, il-gvernijiet nazzjonali pprovdew impjenji uffċjali lill-mutwanti internazzjonali, irrappreżentati mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Fond Monetarju Internazzjonali, li huma kienu ser iwettqu riformi ta' politika. Spanja rċeviet forma speċifika ta' assistenza finanzjarja temporanja mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) sabiex tkun tista' ssewwi s-settur finanzjarju tagħha, u r-riformi tal-gvern kienu ssoveljati mill-Kummissjoni Ewropea.

Qabel il-kriżi, il-ħames pajjiżi kkonċernati, għajr Ċipru, kellhom sistema pjuttost stabbli ta' negozjar kollettivi, l-aktar fil-livell ċentrali jew settorjali. Il-patti soċjali tripartitiċi kienu karatteristika ewlenija tar-riforma fir-relazzjonijiet industrijali f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, minbarra fil-Greċja, qabel il-kriżi fiż-żona tal-euro. Madankollu, għal raġunijiet differenti, ebda wieħed mill-ħames pajjiżi ma mrexxiu jinternalizza u jadatta b'mod effettiv għall-ħtieġa għal żieda fil-kapaċità tal-aġġustament fil-kuntest tal-UEM u t-telf tal-flessibbiltà fir-rata tal-kambju. Minkejja t-tentattivi attivi fl-allinjament tal-pagi aktar mill-qrib mal-produttività u sabiex jagħmlu s-swieq tax-xogħol aktar flessibbli, dawn il-pajjiżi kollha esperjenzaw deterjorament fir-rati tal-kambju reali u d-diverġenzi dejjem jikbru fil-kapital u fil-kont kurrenti.

Il-programmi ta' riforma indotti mill-kriżi introduċew firxa wiesgħa ta' bidliet f'ħafna oqsma bil-għan li jinkiseb lura l-potenzjal għat-tkabbir u l-impjegi u tissaħħaħ il-ġustizzja. Is-sistema tar-relazzjonijiet industrijali minnha nnifisha, jew għall-inqas xi elementi tagħha, kienu meqjusa bħala

parti mill-problema li għandha tiġi indirizzata bħala reazzjoni għall-kriżi. L-irkupru tal-kompetittività tal-prezzijiet kien meqjus bħala essenzjali għall-irkupru sostnut tal-ekonomija u tal-impjiegi. L-effett fuq l-istituzzjonijiet tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali kien sinjifikanti: in-negozjar kollettiv f'livell settorjali, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tripartitiċi, l-istituzzjonijiet responsabbli mill-iffissar tal-pagi u r-regoli li jirregolaw il-kunflitt industrijali kienu kollha soġġetti għal riformi. Il-Memoranda ta' Qbil (MtQ) miftiehma bejn il-gvernijiet tal-Greċja, tal-Irlanda, tal-Portugall u ta' Ċipru, kif ukoll l-UE/FMI, kollha jirreferu għall-ħtieġa espliċita għal konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riforma nazzjonali u xi wħud jagħmlu referenza espliċita għal ftehimiet tripartitiċi. Madankollu, anki jekk il-Kummissjoni Ewropea kontinwament saħqet fuq l-importanza tad-djalogu soċjali u tar-rispett għaċ- ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali, ir-riżultat prattiku kien sfond sfavorevoli għad-djalogu soċjali, li wassal biex jiġdied il-kunflitt bejn l-imsieħba soċjali u bejn it-trejdunjins u l-awtoritajiet pubbliċi. Dan intwera mill-ilmenti li saru lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u lill-Kunsill tal-Ewropa u mill-valutazzjoni kritika ħafna tal-Parlament Ewropew tar-rispett għad-drittijiet soċjali skont il-programmi tal-UE/FMI.

Il-ħsieb wara r-riforma huwa li jagħti lill-impriżi aktar ambitu sabiex jaġġustaw għall-bidliet fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, jippermettu allinjament aħjar bejn il-pagi u l-produttività (fil-livell tal-impriżi) u, għalhekk, biex isaħħu l-kompetittività tal-prezzijiet u jipromwovu r-riallokazzjoni tax-xogħol. Fil-prattika, dan fisser tranżizzjoni lejn negozjar deċentralizzat fil-livell tal-kumpaniji. Madankollu, ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi ma stabbilixxa kunsilli tax-xogħlijiet jew sistemi ta' negozjar inklużiv fil-livell tal-kumpaniji, għalhekk, fil-prattika, id-deċentralizzazzjoni tal-iffissar tal-pagi sikwit dgħajfet is-sistemi tan-negozjar kollettiv, għall-inqas għal perjodu ta' żmien qasir. Dan l-effett huwa kkonfermat mit-tnaqqis qawwi fil-kopertura tan-negozjar kollettiv fil-pajjiżi taħt studju bejn l-2008 u l-2013 (ara l-kapitolu 1).

L-impatt tal-bidliet regolatorji fil-ivelli tal-pagi u l-kompetittività fil-pajjiżi analizzati ser ikollhom jiġu s-sorveljati mill-qrib. Sakemm l-istrutturi tad-djalogu soċjali ma jiġux aġġustati biex jikkombinaw in-negozjar deċentralizzat ma' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni suffiċjenti f'livelli oġħa, hemm riskju li r-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol permezz ta' djalogu soċjali u governanza tripartitika tispiċċa tiddgħajfef serjament, b'ritorn għal intervent leġiżlattiv eċċessiv fl-iffissar tal-pagi, karatteristika tal-perjodu bikri tal-industrijalizzazzjoni. Dan jista' jnaqqas il-potenzjal għall-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jimmedjaw il-kunflitti, iqassmu d-dħul u jibnu l-alleanzi fost gruppi ta' interess.

Lil hinn mill-bidliet fil-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi, il-gvernijiet fil-pajjiżi inklużi fl-istudju wettqu firxa ta' riformi usa' fis-suq tax-xogħol b'reazzjoni għall-kriżi. Dawn kienu jinkludu t-tnaqqis tal-paga minima, illaxkar tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u t-tnaqqis (jew l-iffriżar) tal-pagi u tal-impjiegi fis-settur pubbliku (ara *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012*, il-Kummissjoni Ewropea 2013). Fil-pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja, il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn imbutaw għad-djalogu soċjali fuq l-għażliet politiċi ewlenin li qegħdin jiffaċċjaw. Il-pajjiżi nfushom huma finalment responsabbli għall-involvement ta' msieħba soċjali fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi. Dan mhux dejjem irnexxa jew kien possibbli: l-attwar ta' miżuri urġenti mmirati lejn it-treġġiġħ lura tal-kompetittività u t-tkabbir, kif ukoll l-istabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji, ta' spiss ingħataw prijorità fuq l-ilħuq ta' kunsens mal-imsieħba soċjali.

In-nuqqas frekwenti ta' djalogu soċjali effettiv telaq minn tradizzjoni ta' patti soċjali u kooperazzjoni tripartitika bejn il-gvern u l-imsieħba soċjali. Bl-eċċezzjoni tal-Portugall, għar-riformi tas-suq tax-xogħol, u l-Irlanda, għall-bidliet fis-settur pubbliku, għalhekk, jidher li l-kriżi dgħajfet l-istituzzjonijiet eżistenti għall-konsultazzjoni tripartitika. B'riżultat ta' dan, ir-rwol tal-azzjoni statali (unilaterali) fir-relazzjonijiet industrijali żdied b'mod konsiderevoli mill-2010, u d-djalogu soċjali kellu rwol ferm inqas prominenti fit-tfassil tar-riformi strutturali u l-pjanijiet ta' konsolidazzjoni fiskali milli kellu fl-ewwel fażi tal-kriżi fl-2008 u l-2009 (ara *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010*, il-Kummissjoni Ewropea 2011).

Billi l-pajjiżi qegħdin joħorġu bilmod mill-kriżi, riċentament, xi gvernijiet bdew jiffokaw mill-ġdid fuq l-istituzzjonijiet għad-djalogu soċjali u l-kooperazzjoni tripartitika sabiex jipromwovu l-kunsens mal-imsieħba soċjali fuq l-aktar sfidi urġenti fis-suq tax-xogħol u biex jipromwovu l-istabbiltà u l-paċi. Pereżempju, il-Greċja reġġhet attivat il-kunsill tax-xogħol u l-kunsill tal-protezzjoni soċjali, li t-tnejn huma tripartitiċi. L-awtorizzazzjoni ta' sensji kollettivi fil-Greċja issa hija riferuta lill-kunsill suprem tripartitiku tax-xogħol għal opinjoni. Il-Gvern Portugiż għamel sforzi sabiex iżomm mezz ta' komunikazzjoni permanenti mal-imsieħba soċjali u waqqaf Ċentru tripartitiku għar-Relazzjonijiet tax-Xogħol. F'Ċipru, l-imsieħba tripartitiċi għamlu enfasi fuq ir-rwol importanti tal-Bord Konsultattiv dwar ix-Xogħol. Madankollu, jidher ċar li l-kriżi biddlet is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali b'mod fundamentali fil-ħames pajjiżi. Madankollu, minħabba li d-djalogu soċjali għadu meqjus bħala vitali biex jiġu indirizzati l-isfidi fis-suq tax-xogħol, l-iffissar tal-pagi u l-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kompetittività, wieħed għad irid jara fil-futur jekk l-istrutturi tan-negozjar kollettiv tal-pajjiżi humiex ser jiksbu lura s-saħħa li kellhom jew jekk dawn humiex ser jiddgħajfu aktar ma jgħaddi ż-żmien. It-tweġiba

għal din il-mistoqsija tista' tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għal ieħor.

## Kapitolu 4 — Ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjeg taż-żgħażaġh

L-impjeg taż-żgħażaġh u l-problemi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh sabiex jagħmlu t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol huma wħud mill-kwistjonijiet ta' politika soċjali l-aktar urġenti ta' żminijietna u li ser jinħassu tul il-ġenerazzjonijiet, sakemm ma titteħidx azzjoni. Dan il-kapitolu għandu l-għan li jispjega l-istat attwali tas-suq tax-xogħol fir-rigward tar-rata tal-impjegi u r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh. B'mod partikolari, huwa jeżamina l-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw l-imsieħba soċjali meta jipprovaw itejbu l-aċċess għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh. Huwa għandu l-għan ukoll li jstabbilixxi l-pożizzjonijiet politiki, l-azzjonijiet u l-inizjattivi ewlenin li ttieħdu mill-imsieħba soċjali.

Għalkemm il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa problema strutturali għall-UE, jidher ċar li l-kriżi ħarrxet sitwazzjoni tal-qgħad diġà diffiċli għaż-żgħażaġh. Skont il-figuri mill-Eurostat, li jirreferu għal Diċembru 2014, ir-rata tal-qgħad fost dawk taħt il-25 sena fi 28 pajjiż tal-UE kienet ta' 21.4%, oġġla b'aktar mid-doppju tal-perċentwal ta' 9.9% irreġistrat għall-popolazzjoni ta' taħdem kollha kemm hi. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa partikolarment għoli f'pajjiżi bħal Spanja (51.4%), il-Greċja (50.6% f'Ottubru 2014), il-Kroazja (44.8% fir-raba' kwart tal-2014) u l-Italja (42.0%). B'kuntrast ma' dan, ir-rata fil-Ġermanja u fl-Awstrija hija ta' 7.2% u 9.0% rispettivament.

Filwaqt li dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE jistgħu jipprovdu qafas li fi hndan l-partijiet interessati jistgħu jiprovaw jieħdu azzjoni mitiganti, l-imsieħba soċjali jistgħu jużaw l-istrutturi għad-dispożizzjoni tagħhom, bħad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv, sabiex jipprovaw jagħmlu differenza. Tabilħaqq, dawn ingħataw l-opportunità li jagħmlu dan taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li tinkoraġġixxi approċċ ta' sħubija għall-implimentazzjoni nazzjonali. Madankollu, il-punt sa fejn huma involuti l-imsieħba soċjali fil-kontribut għall-iżvilupp ta' politiki u l-implimentazzjoni tagħhom huwa varjabbli, tant li huwa diffiċli li jitkejje l-impatt.

L-imsieħba soċjali settorjali u trans-settorjali fil-livell tal-UE għamlu ftehimiet u rakkomandazzjonijiet għall-federazzjonijiet membri tagħhom u għal partijiet interessati oħrajn, filwaqt li inkoraġġew id-dibattitu u wrew Prattika tajba. Dan jinkludi l-qafas tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-industrija trasversali fl-UE ta' azzjonijiet li jikkonċernaw l-impjeg taż-żgħażaġh, li ġie konkluż f'Ġunju 2013.

Il-firxa u l-impatt tal-miżuri tal-UE fil-livell nazzjonali u l-punt safejn dawn irawmu d-djalogu u n-negożjar kollettiv fl-Istati Membri jiddependu fuq il-qawwa tad-djalogu soċjali u t-tradizzjonijiet tan-negożjar kollettiv, ir-relazzjoni bejn l-imsieħba soċjali u, b'mod kruċjali, il-punt safejn huwa disponibbli l-appoġġ u l-finanzjament mill-Istat. Probabbilment li sa issa għadu kmieni wisq sabiex jiġi vvalutat jekk kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet u l-inizjattivi tal-imsieħba soċjali setgħetx tagħmel differenza reali, partikolarment minħabba li hemm intervall rikonoxxut bejn l-iżviluppi ekonomiċi u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol. Madankollu, ir-rata globali tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE bdiet tonqos fl-aħħar kwart tal-2013. Naturalment, huwa diffiċli li wieħed jgħid jekk l-azzjoni mmirata kkontribwietx għal dan it-tnaqqis, jew jekk hijiex dovuta l-aktar għall-irkupru ekonomiku li issa qiegħed jinħass f'xi Stati Membri.

Ma teżisti ebda soluzzjoni faċli għall-problema kumplessa tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, komposta kif inhi b'ħafna kwistjonijiet li jingħalqu f'xulxin illi jeħtieġu azzjoni kkoordinata minn tipi differenti ta' partijiet interessati, bħall-fornituri tal-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet responsabbli mit-taħriġ vokazzjonali, dawk involuti fit-tqabbil tad-domandi tal-ħiliet mal-provvista u dawk li jfasslu l-politika dwar is-suq tax-xogħol. Għalhekk, 'lil hinn mill-azzjoni li jistgħu jieħdu l-imsieħba soċjali permezz ta' azzjoni individwali jew bipartitika, fil-livelli kollha huma għandhom ukoll irwol ċentrali fl-indirizzar tal-isfida tal-impjeg taż-żgħażaġh fil-kooperazzjoni ma' firxa usa' ta' partijiet interessati.

## Kapitolu 5 — L-iżviluppi fid-djalogu soċjali Ewropew matul il-perjodu 2012–2014

Dan il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fid-djalogu soċjali Ewropew minn Settembru 2012 sa Diċembru 2014, b'enfasi fuq l-eżiti tar-relazzjonijiet industrijali fil-livell tal-UE.

Fis-snin riċenti, id-djalogu soċjali Ewropew seħħ f'kuntest soċjo-ekonomiku diffiċli ħafna: sa mill-2008, l-Ewropa esperjenzat kriżi, b'rati għoljin tal-qgħad, diskrepanzi dejjem jikbru bejn l-Istati Membri u tħassib kbir għall-koeżjoni soċjali. Kif intwera f'Il-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012 (*il-Kummissjoni Ewropea, 2013*), it-tieni fażi tal-kriżi, b'mod partikolari, poġġiet is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali taħt pressjoni qawwija. Barra minn hekk, hemm ħafna inqas fiduċja fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jingħataw assistenza. L-iżviluppi tal-aħħar sentejn fid-djalogu soċjali Ewropew għandhom jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest.

Il-pressjoni fuq id-djalogu soċjali li nħasset f'bosta Stati Membri ħalliet marki ċari fil-livell tal-UE wkoll. L-għadd ta' ftehimiet li

jirriżultatw mid-djalogu soċjali settorjali fil-livell tal-UE jidher li waqaf jikber, almenu temporanjament. Barra minn hekk, tqajmu mistoqsijiet ewlenin dwar l-implimentazzjoni żbilanċjata ta' ftehimiet awtonomi fil-livell nazzjonali. Għad hemm differenzi sostanzjali bejn is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali, speċjalment fil-kopertura tan-negozjar kollettiv, u dawn jaffettwaw il-kapaċità tal-imsieħba soċjali nazzjonali li jimplimentaw tali ftehimiet b'mod effettiv. Fuq dan il-punt, il-Kapitolu 1 wera li l-iżviluppi riċenti fis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali — b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn dawn kienu pjuttost dgħajfa anki qabel il-kriżi — mhumiex promettenti ħafna.

Madankollu, id-djalogu soċjali Ewropew kompli juri sinjali ta' reżiljenza. Ittiegħu passi importanti bil-għan li jsaħħu l-konċertazzjoni soċjali fi proċessi ġodda bħas-Semestru Ewropew. L-imsieħba soċjali Ewropej fil-livell tal-industrija trasversali indirizzaw l-isfida tal-qgħad fost iż-zgħażaġh u għamlu progress kostanti fl-iżvilupp ta' analiżi profonda u konġunta dwar l-impjegji. Il-ħolqien ta' żewġ kunitati ġodda għad-djalogu soċjali settorjali u l-progress kostanti f'fażi ta' prova għal xi settur terz, juru li dawk li jħaddmu u t-trejdunjinjs għadhom interessati li jinvolvu ruħhom fil-livell Ewropew. Permezz ta' opinjonijiet u dikjarazzjonijiet konġunti, iż-żewġ naħat tal-industrija komplew jagħtu kontribut u għarfien espert siewi fl-inizjattivi tal-Kummissjoni u fil-proċessi ta' politika fil-livell nazzjonali. Permezz ta' għodod u proġetti konġunti, l-imsieħba soċjali Ewropej jaqsmu l-għarfien espert u l-aqwa prassi biex tinbena l-kapaċità fil-livell Ewropew u nazzjonali.

Bħalissa, id-djalogu soċjali Ewropew jinsab f'salib it-toroq. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat dwar id-djalogu soċjali ġew introdotti fi żmien meta l-leġiżlazzjoni dwar l-impjegji u l-affarijiet soċjali kienet l-istrument ewlieni ta' azzjoni tal-UE li tikkonċerna lill-imsieħba soċjali. L-aħħar għaxar snin raw żviluppi differenti: L-ewwelnett, mis-sena 2000, il-koordinazzjoni tal-politika saret strument dejjem aktar importanti tal-azzjoni tal-UE fil-politika soċjali. Dan wassal għal żviluppi ġodda fid-djalogu soċjali tal-UE (li issa huma inkorporati fit-Trattat) bil-għan li tingħata promozzjoni lill-konċertazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba soċjali, bħall-Kumitat tal-Impjegji (EMCO), il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) u, fl-ogħla livell, is-Summit Soċjali Tripartitiku. It-tieni nett, l-introduzzjoni aktar riċenti ta' forom ġodda ta' governanza makroekonomika permezz tas-Semestru Ewropew tmiss ukoll kwistjonijiet ewlenin tal-impjegji u l-politika soċjali, li jqajmu mistoqsijiet dwar l-aktar mod xieraq ta' involviment tal-imsieħba soċjali fid-diskussjoni fil-livell tal-UE. Abbażi tat-tranżizzjoni gradwali lejn konċertazzjoni aktar tripartitika fil-livell tal-UE, intlaħaq kunsens dwar il-ħtieġa li jkompli jissaħħaħ l-involviment

tal-imsieħba soċjali fil-governanza tal-UE u li jissaħħu l-fora eżistenti tad-djalogu soċjali. B'riżultat ta' dan, matul l-aħħar sentejn, il-Kummissjoni ressqet proposti dwar it-tisħiħ tar-rwol tal-imsieħba soċjali fil-governanza makroekonomika tal-UE u s-Semestru Ewropew, u dwar ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward is-Summit Soċjali Tripartitiku sabiex tingħieb f'konformità mal-bidliet istituzzjonali tat-Trattat ta' Lisbona, speċjalment il-ħolqien tal-kariga ta' President permanenti tal-Kunsill Ewropew.

Jidher b'mod ċar li l-imsieħba soċjali trans-industrijali jħaddnu fehmiet differenti dwar il-kawżi tal-kriżi, ir-reazzjonijiet politiki xierqa għaliha, il-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali, it-taħlita politika makroekonomika u l-kontenut tar-riformi strutturali. Huwa ċar ukoll illi l-fehmiet tagħhom huma differenti fil-qasam regolatorju, kif muri min-nuqqas ta' qbil tal-imsieħba soċjali fuq reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ħinijiet tax-Xogħol u l-fehmiet opposti sew fuq il-ħtieġa għal aktar regolamentazzjoni soċjali fil-livell tal-UE. Dawk li jħaddmu qegħdin dejjem aktar jip-pontaw lejn l-isfidi li ġġib magħha l-kompetittività u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol, li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol u li tiżded il-flessibilità esterna. L-unjins jenfazzjaw l-aspetti tal-kompetittività mhux relatati mal-ispejjeż tax-xogħol, l-irwol pożittiv tal-pagi fid-domanda aggregata u r-rilevanza tat-titjib tal-kwalità tax-xogħol u l-investiment fil-ħiliet. Dawn id-diverġenzi ġew riflessi f'għadd ta' dibattiti bejn il-ħaddiema, dawk li jħaddmu u l-awtoritajiet pubbliċi madwar l-Ewropa. F'xi Stati Membri, dawn id-dibattiti wasslu għal ftehimiet li kkontribwixxew għat-tiswir tar-riformi politiki. Madankollu, fi Stati Membri oħrajn, u fil-livell tal-UE, ix-xejra kienet lejn iż-żieda tal-kunflitti u t-tensjonijiet.

Minkejja dawn l-isforzi intiżi biex jippromwovu l-irwol tal-imsieħba soċjali, kif mogħti b'mandat mit-Trattat, it-turbo-lenza tal-kriżi qed ikollha effett notevoli fuq ir-relazzjoni bejn l-imsieħba soċjali u l-Kummissjoni, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE. Riċentament, jidher li l-fiduċja kienet pjuttost skarsa, b'għadd ta' kwistjonijiet kontenzjużi li kkawżaw kunflitt f'kuntesti bħas-Summit Soċjali Tripartitiku. Dan jinkludi diskussjonijiet dwar il-programmi ta' aġġustament makroekonomiku, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, l-allegata interferenza man-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali, l-enfasi tal-programm regolatorju tal-idoneità tal-Kummissjoni, il-qafas strateġiku tal-Kummissjoni għas-saħħa u s-sigurtà, u l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-ftehimiet tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, fejn il-firmatarji talbu għall-implimentazzjoni mid-direttivi tal-Kunsill.

Taħt il-programm politiku tal-President Juncker, bl-attenzjoni tiegħu fuq id-djalogu soċjali, il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq tnedija mill-għdid u t-tisħiħ tad-djalogu mal-imsieħba soċjali.

## Kapitolu 6 — Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar ix-xogħol matul il-perjodu 2012–2014

Dan il-kapitolu jipprova f'arsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi fil-liġi tax-xogħol fil-livell tal-UE matul l-aħħar sentejn, inklużi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar ix-xogħol inkisbu fl-isfond tal-kriżi, li kompliet tgħarraġ b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni tal-impjegji u tbaxxi l-istandards tax-xogħol u tal-għajxien, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji ta' nies vulnerabbli. B'rispons għal dan, u f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-Kummissjoni kompliet taħdem sabiex ittejjeb il-kwalità tal-impjegji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll il-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

F'Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Direttiva ta' Infurzar, li hija mmirata biex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kollokati, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku.

Fl-2014 ukoll, il-Kunsill qabel fuq Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, li timplimenta, permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE, ftehim fuq inizjattiva proprja bejn l-imsieħba soċjali Ewropej f'dan is-settur. Il-ftehim, li ntlaħaq fl-2012, jstabbilixxi regoli minimi dwar il-ħin tax-xogħol għall-vapuri tat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija fin-navigazzjoni interna madwar l-UE.

Wara proposta tal-Kummissjoni, f'Marzu 2014, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati, li għandha l-għan li tippermetti lill-apprendisti jiksbu esperjenza tax-xogħol ta' kwalità għolja taħt kundizzjonijiet sikuri u ġusti, kif ukoll li żżid iċ-ċansijiet tagħhom li jsibu xogħol ta' kwalità tajba. F'April 2014, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għat-twaqqif ta' Pjattaforma Ewropea biex issaħħaħ

il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat.

Fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u wara evalwazzjoni tal-istrateġija Ewropea għas-saħħa u s-sigurtà (2007–2012) u konsultazzjoni pubblika, f'Ġunju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-perjodu 2014–2020. Il-qafas għandu l-għan li jtejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti dwar is-saħħa u s-sigurtà, li jtejjeb il-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol u li jieħu f'kunsiderazzjoni t-tixjiħ tal-ħaddiema tal-UE.

Ġew adottati żewġ direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol: l-ewwel waħda tikkonċerna r-rekwiżiti minimi fuq l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-kampi elettromanjetiċi u t-tieni waħda tkopri l-allinjament ta' ħames Direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali mar-Regolament tal-UE dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi kimiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tallinja l-funzjonament tal-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni fuq il-Post tax-Xogħol (SCOEL) mar-regoli tal-Kummissjoni dwar gruppi ta' esperti.

Il-Kummissjoni kompliet issegwi l-ħidma tagħha bil-għan li tevalwa u tirrevedi l-liġi attwali tal-UE dwar ix-xogħol, b'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020 u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni 'intelliġenti'. B'mod partikolari, hija kkonkludiet il-'kontroll tal-idoneità' fuq tliet direttivi ta' tagħrif u konsultazzjoni, u sabet li dawn id-direttivi huma ġeneralment idonei għall-iskop tagħhom, jiġifieri huma rilevanti, effettivi, koerenti u effiċjenti. Bħalissa għaddejjja ħidma fuq ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol u fuq l-evalwazzjonijiet ex-post tad-Direttivi dwar ix-Xogħol b'Terminu Fiss u x-Xogħol Part-Time u tad-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub. Bħalissa qiegħda ssir ukoll evalwazzjoni komprensiva ta' 24 direttiva tal-UE fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, bir-riżultati mistennija lejn tmiem l-2015.



## **KIF GħANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE  
([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Is-serje tar-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa tipprovdi ħarsa ġenerali tat-tendenzi u l-iżviluppi fir-relazzjonijiet kollettivi bejn il-ħaddiema, l-impjegaturi u r-rappreżentanti rispettivi tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dimensjoni tripartitika fejn huma involuti l-awtoritajiet pubbliċi f'livelli differenti.

L-edizzjoni tal-2014 teżamina l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u tad-dejn sovrani b'rabta mar-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali. Din tinkludi analiżi fid-dettall tal-iżviluppi f'sistemi ta' negozjar tal-pagi, tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri li jirricievu għajjnuna finanzjarja kif ukoll ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjieg taż-żgħażaġħ. Barra minn hekk, din l-edizzjoni tipprovdi aġġornament tal-iżviluppi reċenti fid-djalogu soċjali Ewropew u l-liġi dwar ix-xogħol.

Is-Sommarju Eżekuttiv huwa disponibbli onlajn f'24 verżjoni lingwistika.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjieg, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



<https://www.facebook.com/socialeurope>



[https://twitter.com/EU\\_Social](https://twitter.com/EU_Social)

